# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgha, 1 ta' Dicembru, 2021

**Kawża Nru.**

**Rik. Nru. 63/2021 ISB**

**RIKORS ta' SL Ship Management Company Limited (C43091)**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **SL Ship Management Company Limited (C43091)**, pprezentat fl-10 ta' Awissu 2021, li permezz tieghu huma jsostnu hekk:-

1. *ILLI, permezz tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet SL Ship Management Company Limited (C43091) vs Petroplus Limited (C50905), deciza fit-23 ta' Lulju 2020, u li minnha ma sar ebda appell, u li ghalhekk ghaddiet in gudikat u hija finali, is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta' Petroplus Limited (C50905) fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin elf, seba' mija u tnejn u sebghin Ewro u ghaxar centezmi (€ 425,772.10), flimkien ma l-imghaxijiet ta' 8% mid-*

*data ta' l-iskadenza tal-fattura flimkien ma spejjez gudizzjarji (kopja annessa u mmarkata DOK SLSM 1);*

2. *ILLI, s-socjeta' rikorrenti kienet intavolat Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru: 1510/19, fl-ismijiet SL Ship Management Company Limited (C43091) vs Petroplus Limited (C50905), u li gie rez esekuttiv permezz ta' nota fl-atti tal-istess mandatipprezentata fit-12 ta' Awwissu 2020 (kopja annessa u mmarkata DOK SLSM 2);*

3. *ILLI, f'dawn l-ahhar jiem, gie a konoxxenza ta' rapprezentanti tas-socjeta' rikorrenti illi s-socjeta' Petroplus Limited giet "Struck Off as Defunct" fit-23 ta' Gunju 2021, skond l-Avviz hawn anness (Dok SLSM) 3;*

4. *ILLI, peress illi din is-socjeta' giet imhassra mir-registru tal-kumpaniji, is-socjeta' rikorrenti ma tistax tinforza din is-sentenza fuq assi kemm mobbli kif ukoll immobbli li jistghu ikunu jappartjenu lis-socjeta' Petroplus Limited jew tesegwixxi il-mandat ta' sekwestru. Allura l-pozizzjoni taghha kwantu kreditrici giet ippregudikata serjament u irrimedjabilment;*

5. *ILLI, ladarba s-socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tas-socjeta' Petroplus Limited, ghandha interess li tesegwixxi u tithallas il-kreditu lilha dovut.*

6. *ILLI ghalhekk a tenur tal-art 9 (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 386.19 cioe' il-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations u l-artikolu 325 (4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti qed titlob illi l-kumpanija Petroplus Limited terga' titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpaniji,*

   ***Ghaldaqstant** is-socjeta' rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha a tenur tal-premess tordna illi l-kumpanija Petroplus Limited terga' titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpaniji, u dan taht dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** li kienu prezentati mar-rikors (fol 3 sa fol 20).

Rat **<u>id-digriet</u>** taghha tas-17 ta' Awissu 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-4 ta' Novembru 2021 fl-10:00am, u fejn

kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-5 ta' Ottubru 2021 (ara tergo ta` fol 22).

Rat illi fil-21 ta' Ottubru 2021, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 24) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Petroplus Limited (C 50905) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fil-15 t' Ottubru 2010;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjari tagħha u dwar kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar kont annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2016 u l-aħħar prospett annwali huwa tas-sena 2015;*

*Illi tali kumpanija ma ssottomettietx dokument importanti dwar min huma s-sidien benefiċjarji tagħha u għalhekk ġiet mħassra permezz tar-Regolament 9 tal- Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', 'B' u 'C' l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tal- kumpanija 'Office 5B, Level 8, Portomaso Business Tower, Portomaso Avenue, St. Julians STJ 4011' u kif ukoll lill-uniku direttur tal-kumpanija Gordon Debono fl-indirizz 'Flat 7, Mista Vista, Triq il-Bajja, Marsaskala, MSK 1079', rispettivament, datati 8 ta' Frar 2021;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-direttur fuq l-istess indirizzi fit-23 ta' Marzu 2021;*

*Illi f'dawn l-ittri l- kumpanija u d-direttur ġew infurmati illi kellhom jiġu sottomessi min kienu s-sidien benefiċjarji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*

*Illi fis-23 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kienet waħda fost oħrajn illi kienet ser tiġi mneħħija minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp, ir- Reġistratur qatt ma rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti kemm mingħand il-kumpanija u kif ukoll mingħand terzi u għaldaqstant, fit-23 ta' Ġunju 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi kif jidher ċar mil-fatti suesposti, ir-rikkorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponent dwar l-interess illli kellu sabiex*

*l-isem ta' din il-kumpannija jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda dan baqa inadempjenti;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikkorent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditur ai termini tar-Regolament 9(4) tal- Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-sub-regolament 6 tal-istess regolament jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqs li kieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru.*

*Illi r-Reġistratur tapprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, dina l-Onorabbli Qorti m' għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċement għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur jixtieq umilment jissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal- lum, il-kreditur jagħzel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi.*

*Illi tajjeb wieħed jinnota illi l-azzjonista ewlenija ġiet ukoll mħassra minn fuq ir-Reġistru għaliex naqset milli tibagħat prospetti annwali u kontijiet annwali u kienet għal diversi snin abbandunata.*

*Illi għalhekk ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi, sabiex jistabbilixxu jekk il-kumpanija in kwistjoni timmeritax illi tidħol lura fuq ir-*

*Reġistru. Ir-Reġistratur m' għandhiex oġġezzjoni għal dan u għalhekk lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrent ikun fil-posizzjoni illi jeżerċita kwalunkwe drittijiet spettanti lilu bħala kreditur tal-kumpanija msemmija. Filwaqt illi r-Reġistratur ma tispiċċax b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2021, deheret Dr Ivanka Vella in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti assistita mid-difensur taghha l-Avukat Patrick Galea u dehret l-Avukat Claudette Fenech ghar-Registratur tal-Kumpanniji intimat.

Rat illi f'dik l-udjenza l-Qorti giet mgharrfa illi d-direttur u r-rapprezentat tas-socjeta` Petroplus Ltd (C50905) kien soggett ghal *freezing order* mahruga mill-Qorti kompetenti.

Rat illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment, anke ghaliex ir-Registatur intimat ddikjara illi ma kellux oggezzjoni ghat-talba li kienet qed issir.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-artiklu 325 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artiklu 9(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 386.19 u li permezz taghha, is-socjeta` rikorrenti jsostnu illi huma hadu sentenza definittiva mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Lulju 2020 u li permezz taghha hija giet kanonizzata kreditur tas-socjeta` **Petroplus Limited (C50905)** fl-ammont ta' l-fuq minn erba' mija u hamsa u ghoxrin elf Euro (€425,000) f'sorte biss.

Tghid is-socjeta` rikorrenti illi hija anke pprezentat il-Mandati kawtelatorji, izda meta hija giet biex tezegwixxi s-sentenza taghha hawn fuq msemmija, sabiex illi l-kumpannija kummercjali **Petroplus Limited**

**(C50905)** kienet giet *struck off* minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji fit-23 ta' Gunju 2021, u allura il-posizzjoni taghha qua kreditrici ta' **Petroplus Limited (C50905)** giet serjament ippregudikata.

Is-socjeta` rikorrenti ssostni illi hija tibqa' bl-interess illi tenforza s-sentenza minnha ottenuta, u ghalhekk illi kellha ssir din il-kawza.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Registratur jghid illi l-kumpannija msemmija kienet naqqset mill-obbligi taghha mar-Registratur, u ma baghtet ebda informazzjoni dwar is-sidien beneficcjajri taghha, u kienet anke naqset fl-obbligi taghha illi tipprezenta kontijiet annwali u prospetti annwali.

Jghid l-intimat Registratur illi kellu kull ragun, una volta illi ha l-passi kollha skond il-ligi, illi jikkancella l-kumpannija de quo minn fuq ir-Registru.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew*

*prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

**Art. 9(4) tas-SL 386.19**[1]

*If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and upon an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji terga' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artikoli appena citat.

M'hemmx dubbju illi ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija **Petroplus Limited (C50905)** giet ikkancellata minn fuq ir-Registru.

Id-dokumenti ppresentati mar-rikors jitkellmu wahedhom u ma jirrizultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irrizultaw, anzi ir-Registratur intimat ddikjara illi ma ghandux oppozizzjoni ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti.

[1] Avviz Legali pubblikat biss bil-lingwa Ingliza

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvediment tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u tal-Ligi Sussidjarja msemmija u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 356 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artiklu 9(4) tal-Ligi Sussidjarja 386.19, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Petroplus Limited (C50905)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Petroplus Limited (C50905)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji ghall-perjodu ta' <u>hames snin</u> sabiex f'dan il-perjodu, is-socjeta` rikorrenti tilhaq tiehu u tottjenu r-rizultati li minnha huma mixtieqa billi tenforza d-decizjoni li permezz taghha hija giet kanonnizata kreditur tas-socjeta` **Petroplus Limited (C50905)**.

   Il-Qorti konxja mill-fatt illi l-perjodu ta' hames snin mhux qasir, tenut kont illi s-socjeta` rikorrenti trid biss tezegwixxi sentenza, izda dan qed isir fl-isfond tad-dikjarazzjoni maghmula in atti fis-sens illi d-direttur u r-rapprezentant tas-socjeta` **Petroplus Limited (C50905)** huwa soggett ghal *freezing order* mahruga minn Qorti kompetenti, u qeghda f'dan l-isfond, <u>tordna</u> illi jekk is-socjeta` rikorrenti SL Shipping Management Company Limited jirnexxilha tezegwixxi s-sentenza taghha u tissodisfa l-kreditu taghha qabel l-iskadenza ta' dawn il-hames snin, allura hija ghandha tgharraf b'mod immedjat lir-Registratur intimat, sabiex jekk hu jidhirlu hekk xieraq, jghaddi biex jerga' jipprocedi biex jikkancella isem is-socjeta` **Petroplus Limited (C50905)** qabel l-iskadenza tal-imsemmija hames snin, anke din il-procedura a spejjes tas-socjeta' rikorrenti SL Shipping Company Managment Limited.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista' jinkorri r-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Petroplus Limited (C50905)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

Finalment il-Qorti trid taghmilha cara illi dan il-provvediment m'ghandux jinqara jew jinftiehem b'xi mod tali illi jikkontradixxi, jemenda, jbiddel jew imur kontra kwalsiasi ordni moghtija minn Qorti kompetenti fir-rigward tal-*freezing order* mahruga kontra id-direttur/i u/jew rapprezentanti tas-socjeta` **Petroplus Limited (C 50905).**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**